Qorti tal-Appell
(Kompetenza Inferjuri)

Imhallef Anthony Ellul

Appell numru: 70/2011AE

**Alberta Fire and Security Equipment Limited**

**Vs**

**Geomike Limited u John Cauchi li gie kjamat in kawza b'digriet tat-23 ta' Mejju 2012**

L-Erbgha, 16 ta' Dicembru 2015.

Permezz ta' rikors prezentat fit-8 ta' Marzu 2011, l-attrici talbet lill-Qorti tal-Magistrati (Malta) sabiex tikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallasha s-somma ta' hdax-il elf, hames mija u tlieta u erbghin ewro u wiehed u disghin centezmu (€11,543.91) rapprezentanti bilanc tal-prezz dovut ghall-bejgh ta' oggetti ta' sigurta' u nstallazzjoni.

Il-konvenuta Geomike Limited wiegbet:

1. Illi preliminarjament, l-esponent socjeta' intimata ma hix l-legittimu kontradittur tar-rikorrent stante li hija fl-ebda hin u waqt ma dahlet f'xi trattativi mas-socjeta' rikorrenti u fl-ebda hin ma awtorizzat lil xi impjegat minn taghha sabiex jidhol f'xi trattattivi mal-istess socjeta' rikorrenti u dan kif jigi pruvat f'aktar dettall waqt it-trattazzjoni tal-kaz.

2. Illi fil-mertu, t-talba attrici ghandha tigi michuda u bl-ispejjez kontra s-socjeta' rikorrenti peress li s-socjeta' eccipjenti qatt ma ordnat ix-xogholijiet imsemmija fl-att tar-rikors".

L-imsejjah fil-kawza wiegeb:

"1. Illi l-eccipjent mhux il-legittimu kontradittur u ma ghandu l-ebda relazzjoni guridika mas-socjeta' attrici stante li, kwalsiasi xogholijiet maghmula mis-socjeta' attrici saru fuq struzzjonijiet, inkarigu u a beneficcju tal-kumpanija konvenuta Geomike Limited, liema kumpanija hija fil-fatt il-proprjetarja tal-fond "Cote D'Azur Restaurant" in konnessjoni ma' liema fond appuntu saru x-xogholijiet esegwiti mill-istess socjeta' attrici.

2. Illi l-eccipjent mhux debitur tas-socjeta' attrici ta' l-ammont pretiz permezz tal-proceduri odjerni u kwalsijasi ammont huwa semmai dovut mill-kumpanija konvenuta Geomike Limited".

B'sentenza tal-15 ta' Lulju 2013, il-qorti:

1. Iddikjarat li l-imsejjah fil-kawza m'huwiex il-legittimu kontradittur u lliberatu mill-osservanza tal-gudizzju.
2. Cahdet l-eccezzjonijiewt tas-socjeta konvenuta u kkundannata thallas is-somma €11,543.91.

Wara li qieset il-provi l-ewwel qorti kkonkludiet li John Cauchi kien ghamel l-ordni ghan-nom tas-socjeta konvenuta, u ghalhekk kellha l-obbligu li thallas lill-attrici.

Is-socjeta konvenuta appellat mis-sentenza. L-uniku aggravju hu li John Cauchi, bhala mandatarju tas-socjeta konvenuta, kien wettaq negozju li ma kienx kompriz fil-mandat li tatu l-appellanti. Is-socjeta konvenuta ssostni li kienet tatu mandat ghax-xiri u nstallazzjoni ta' apparat ta' sigurta bi prezz li ma jkunx iktar minn €7,652.72. Pero' rrizulta li b'kollox nefaq €13,825.73, minkejja li ma kienx awtorizzat li jonfoq dik is-somma kollha. Dan iwassal biex ghamel negozju li kien barra mil-limiti tas-setgha li nghata mis-socjeta konvenuta (Artikolu 1880(2) tal-Kodici Civili). Fic-cirkostanzi x-xoghol li sar fl-ammont ta' €6,173 hu responsabbilta tieghu peress li dan sar f'ismu proprju u mhux ghan-nom tas-socjeta konvenuta.

L-appellati wiegbu fejn taw ir-ragunijiet ghalfejn is-sentenza tal-ewwel qorti kellha tigi kkonfermata.

Wara li l-qorti rat l-atti tosserva:-

1. Ix-xogholijiet saru gewwa restaurant bl-isem Cote d'Azur, li kien negozju tas-socjeta konvenuta. Skond Jean Pierre Borg[1] ix-xoghol kien jikkonsisti fit-tqeghid ta' *".... CCTV, Fire Alarm, intruder alarm, time & attendance system u nurse call system fir-restaurant Cote d'Azur f'Marsascala"* (fol. 54)[2].

2. Fl-1 ta' Gunju 2009 is-socjeta harget stima ta kemm kien ser jiswa x-xoghol (€11,409.38). John Cauchi ffirma l-istima. Thallset ukoll, permezz ta' *bank draft* (fol. 90), is-somma ta' €2,281.82 bhala depozitu.

3. Mill-provi hu evidenti li l-imsejjah fil-kawza ma kienx agixxa f'ismu personali izda f'isem is-socjeta konvenuta.

4. Il-qorti tosserva li l-ewwel eccezzjoni tas-socjeta konvenuta m'hijiex kompatibbli mal-posizzjoni li hadet fil-kors tal-gbir tal-provi. Fl-eccezzjoni qalet li m'hijiex legittimu kontradittur tas-socjeta attrici ghaliex qatt ma nnegozjat maghha. Pero' meta xehed George Cauchi, direttur taghha, qal li s-socjeta konvenuta tat mandat lil John Cauchi

---

[1] Impjegat tas-socjeta attrici.
[2] Ara wkoll zewg kontijiet (fol. 60-63) ghall-ammont komplessiv ta' **€13,825.73**.

sabiex fil-fond isiru sistemi ta' CCTV, *burglar alarm* u *fire alarm* u li l-flus allokati ghal dan ix-xoghol kien ta' €7,652.27.

5. Jidher li l-ordnijiet kienu qeghdin jinghataw minn John Cauchi. M'hemmx kontestazzjoni li John Cauchi kien mandatarju tas-socjeta konvenuta. Pero' s-socjeta konvenuta ssostni li ma kellux awtorizazzjoni li jonfoq iktar minn €7,652.72. Tezi li hi bazata fuq dokument intestat *"Detailed projected expenditures Cote d'Azur Restaurant – Marsascala"* (fol. 75). Madankollu hu evidenti li dan id-dokument jipprovdi biss ghal stima tal-ispejjez li kienu ser isiru fil-fond. Fil-fatt fil-parti fejn hemm it-total jinghad: *"**Estimated** Sub Total"*. Fil-fatt mill-provi rrizulta kif l-attrici kienet harget stima ta' €11,409.13 (fol. 36) minn liema ammont is-socjeta konvenuta hallset depozitu ta' €2,281.82. Ghalhekk m'hemmx dubju li kien approvat prezz li kien konsiderevolment iktar mis-somma ta' €7,652.72. Ghalkemm hu minnu li l-istima kienet iffirmata minn John Cauchi, pero' d-depozitu thallas mis-socjeta konvenuta. Fuq bazi ta' probabilita ghalhekk is-socjeta konvenuta kient taf x'kienet l-istima.

6. Ix-xoghol kollu li sar fil-fond Cote d'Azur inzamm mis-socjeta konvenuta. Clyde Cauchi[3] xehed li kien offra lil George Cauchi, direttur tal-konvenuta, sabiex jiehdu lura l-apparat li kien gie nstallat. Pero' Cauchi rrifjuta. L-istess George Cauchi xehed: *"L-apparat li nstallat is-socjeta Alberta Fire and Security Equipment Limited huwa mwahhal fil-post u jintuza"* u *"Huwa minnu li s-socjeta attrici talbitni biex tiehu lura l-apparat li kienet installat. Pero fuq parir legali l-avukat qalli biex ma mmis xejn"*[4]. Atteggament li ghall-qorti jista' jfisser biss li jekk ghall-grazzja tal-argumenti John Cauchi kien hareg barra mil-limiti tas-setgha li nghata mis-socjeta konvenuta, l-istess konvenuta accettat ix-xoghol kollu li ghamlet l-attrici fil-fond Cote d'Azur, irrispettivament mill-ammont ta' flus li John Cauchi kien awtorizzat li jonfoq fit-twettiq tal-progett[5]. Ghalhekk is-socjeta konvenuta ghandha obbligu li thallas il-kontijiet.

7. George Cauchi, xehed[6]: *"Meta spiccajt mix-xoghol kont immur kuljum fuq il-post Cote d'Azur u nghid li fil-finali tax-xoghol li kien qed isir mis-socjeta attrici jiena kont inkun prezenti…. Huwa minnu wkoll li jien qatt ma waqqaft lis-socjeta attrici mix-xogholijiet. U dan peres John kien bil-weghda li kien ser igib il-flus minn barra"*. Fl-istess seduta qal: *"Ix-xogholijiet li zdiedu, zdiedu minn John. Jien fl-ebda hin ma waqqaft lil Alberta mix-xoghol taghha u dan ghaliex John weghedni li ser igib flus minn barra biex ihallas"*. Kliem li jaghti lill-qorti x'tifhem li mhux veru li gie mpost xi massimu kemm John Cauchi kien awtorizzat li jonfoq fir-

[3] Impjegat tas-socjeta attrici.
[4] Seduta tas-26 ta' Gunju 2013.
[5] Artikolu 1880(2) tal-Kodici Civili.
[6] Seduta tas-26 ta' Gunju 2013.

rigward tax-xogholijiet li ghamlet l-attrici. Inoltre jekk jezistu kwistjonijiet bejn John Cauchi u George Cauchi, dawn ma jikkoncernawx lis-socjeta attrici li ghandha kull dritt li tithallas ghall-apparat li xtrat il-konvenuta u s-servizz li nghatat.

8. George Cauchi sahansitra ffirma t-*Time Sheet* tax-xoghol li ghamlet is-socjeta attrici fil-fond Cote d'Azur (fol. 43-45), kif ukoll *Fire Detection System Checklist* (fol. 46). Jidher ghalhekk li hu stess, bhala direttur tas-socjeta konvenuta, kien qieghed jawtorizza x-xogholijiet.

9. M'hemmx dubju li John Cauchi kellu mandat biex jirraprezenta lis-socjeta konvenuta. Jirrizutla wkoll li George Cauchi kellu kuntatt dirett mas-socjeta attrici, ukoll waqt li kienu ghadhom ghaddejjin ix-xogholijiet u m'hemmx prova li qatt infurmaha li l-mandat li nghata John Cauchi kien li jonfoq sa massimu ta' €7,652.72.

**Ghal dawn il-motivi tichad l-appell bl-ispejjez kontra s-socjeta konvenuta.**

Anthony Ellul.